31 ta' Jannar, 1953

Imhallef :
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Toni Gatt

**Appell — Dikjarazzjonijiet fl-Iskrittura — Verbal tal-Qorti.**

*Dikjarazzjoni jew allegazzjoni magħmula, bil-fomm jew bil-miktub, mid-difensur, tista' tiġi mreġġa' lura f'kull waqt tal-kawża; anki fl-appell. U għalhekk, għalkemm fl-iskritturi preċedenti, u anki fir-rikors ta' l-appell, ikunu saru allegazzjonijiet li jistgħu talvolta jimpurtaw awto-inkolpazzjoni ta' l-imputat, dawk id-dikjarazzjonijiet jew allegazzjonijiet jistgħu jiġu ritirati f'verbal quddiem il-Qorti, b'mod li l-kawża tiġi deċiża mingħajr ma jitqiesu dawk id-dikjarazzjonijiet jew allegazzjonijiet.*

Dan hu appell ta' l-imputat mid-deċiżjoni, mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta ta--27 ta' Ottubru

1952, li biha nstab ħati talli, bħala bejjiegħ tal-għaġin fil-pakketti bl-ingrossa, impona kondizzjoni fil-bejgħ, u ġie kundannat għall-piena tal-multa ta' £1;

Trattat l-appell tiegħu, din il-Qorti kkunsidrat;

Il-provi tal-Prosekuzzjoni jikkonsistu fix-xhieda tax-xerrej u ibnu, ċjoè Paolo Galea u Giuseppe Galea. Ebda wieħed minn dawn it-tnejn, però, ma qal li l-imputat imponielhom xi kondizzjoni fil-bejgħ, għalkemm, miili jidher, in segwitu nqalgħet xi kwistjoni bejniethom għax Galea kien qiegħed ibiegħ b'irħis.

Huwa veru li fil-protest eżibit in kopja fol. 2, magħmul għan-nom ta' l-imputat, jingħad illi x-xiri sar bi ftehim li l-għaġin ma għandux jinbiegħ b'anqas minn sitt soldi l-pakkett — liema dikjarazzjoni tidher qiegħda tammetti li kien hemm kondizzjoni. U f'ċertu mod anki r-rikors ta' l-appell ikompli fuq l-istess linja. Għalhekk jista' talvolta jingħad li hawn awto-inkolpazzjoni f'dak il-protest, u kważi anki fir-rikors ta' l-appell. Iżda bil-verbal fol. 20 din id-dikjarazzjoni ġiet virtwalment ritirata, għaliex ġie minflok dikjarat mid-difiża li hija "tikkontesta" li fil-waqt tal-bejgħ sar ftehim li l-għaġin ma għandux jinbiegħ b'anqas minn sitt soldi l-pakkett; u hu risaput li dikjarazzjoni jew allegazzjoni magħmula, bil-fomm jew bil-miktub, "mid-difensur" (kif kien il-każ) tista' titreġġa' lura f'kull waqt tal-kawża, anki fl-appell. Konsegwentement, bil-verbal fuq imsemmi għandu jitqies li ġiet ritirata tant id-dikjarazzjoni fil-protest kemm ukoll kull dikjarazzjoni li hemm fir-rikors ta' l-appell;

Del resto, il-provi fuq imsemmija, ta' l-istess Prosekuzzjoni, jivvulneraw kull dikjarazzjoni f'sens ta' ammissjoni li setgħet saret mid-difensur f'dawk l-iskritturi (ara wkoll, per analoġija, l-art. 465 (2) Kap. 12);

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.